32002L0086

7.11.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 305/19

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMSSJONI 2002/86/KE

## tas-6 ta' Novembru 2002

## li temenda d-Direttiva 2002/101/KE rigward id-data li minnha huwa pprojbit l-kummerċ fil-prodotti mhux skond id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Il-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/13/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000, fuq l-approsimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/101/KE ([2]), u b'mod partikolati l-Artikolu 6(6) tagħha,

Billi:

(1) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/101/KE li tirrigwarda l-għoti tat-tikketti lill-prodotti li jkun fihom il-laħam mhumiex aplikabbli sal-jum li jiġi wara t-temma finali taż-żmien għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttuva mill-Istati Membri.

(2) Wara l-adozzjoni ta' definizzjoni tal-kelma "laħam" għall-għanijiet tal-għoti tat-tikketti, l-operaturi interessati jridu jagħmlu bidliet konsiderevoli għall-għoti tat-tikketti lill-prodotti tagħhom, b'mod partikolari rigward il-lista ta' l-ingredjenti u, meta japplika, il-kontenut tal-laħam.

(3) Minħabba n-numru kbir ta' dawn il-prodotti fuq is-suq u n-numru ta' l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju affettwati, huwa meħtieġ perjodu transitorju adegwat taż-żmien sabiex jgħin li dawn il-prodotti jinġiebu f'linja mad-Direttiva 2001/101/KE.

(4) Trid ukoll issir dispożizzjoni sabiex tgħin lill-operaturi jbigħu fis-suq il-prodotti ttikkettjati qabel ma jiskadi l-perjodu transitorju taż-żmien li t-tikketti tagħhom ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

(5) Id-Direttiva 2001/101/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq,

(6) Il-miżuri provvduti f'din id-Direttivai huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2001/101/KE jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw il-kummerċ fil-prodotti li huma skond id-Direttiva 2000/13/KE mill-1 ta' Jannar 2003.

2. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu, b'effett mill-1 ta' Lulju 2003, il-kummerċ fil-prodotti li mhumiex skond id-Direttiva 2000/13/KE.

Madankollu, il-prodotti li mhumiex skond id-Direttiva 2000/13/KE u li kienu ttikkettjati qabel l-1 ta' Lulju 2003 għandhom jiġu awtorizzati sakemm idumu l-ħażniet."

*Artikolu 2*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Novembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29.
([2]) ĠU L 310, tat-28.11.2001, p. 19.